MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Numru 1060/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR CHRIS GALEA SCANNURA**

**VS**

**SUNNY DEGABRIELE**

**Illum 19 ta’ Frar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Sunny Degabriele ta’ 30 sena, bin Grezzju u Georgina xebba Kerr, imwieled Hat Attard fit-30 ta’ Lulju 1972 u residenti gewwa 3, St. Rita, Sqaq San Pietru, numru 1, Qormi, detentur tal-karta tal-identita’ numru 351572 (M);

Talli ghall-habta tal-hdax ta’ filghodu ta’ l-20 ta’ Settembru 2002 gewwa Hal Qormi, volontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Karmenu Degabriele, dan skond kif iccertifikaw it-Tabiba Debbie St John MD med reg. No. 2400 tad-Dipartiment ta’ l-Casualty ta’ l-Isptar San Luqa u t-Tabib Melvin Gouder MD tad-Dipartiment ta’ l-“Ophtalmic” ta’ l-Isptar San Luqa.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghall-imsemmija persuna sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara;

U wkoll fl-istess data, hin u lok talli kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Wara li rat l-Artikoli 252, 338 et u 214 et tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li semghet ix-xhieda prodotta u wara illi tikkonstata illi l-unika xhud rimanenti huwa xhud okulari u wara li tikkonstata wkoll illi z-zewg xhieda tobba, t-tnejn mhumiex fi grad li jiddeterminaw jekk il-feriti sofferti humiex ta’ natura hafifa jew ta’ natura gravi, u wara illi l-Qorti semghet lill-istess kwerellant illi xtaq jutilizza mill-

beneficcju ta’ l-Artikolu 633 subincis 2 u wara li semghet l-ammissjoni tat-tieni u t-tielet akkuzi, kif ukoll in vista tal-mahfra li tinsab dokumentata fl-atti tal-process, din

il-Qorti qeghda ssibu hati biss tat-tieni u t-tielet akkuzi u qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien gimgha mil-lum, a tenur ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------